MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 316/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Keith Rizzo**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-30 t'April, 2000, ghall-habta tal-3.55 p.m., fi Triq il-Ferrovija, Hamrun, :
1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura nru. EBC 321 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, rrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Novembru, 2005, li biha,

wara li rat l-Artikoli 15A u 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghall-multa ta' mitejn lira Maltin (LM200), u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghaz-zmien ta' sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Novembru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza w htija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' li l-appellant ma setax jinstab hati tat-tieni akkuza peress li jirrizulta li attwalment il-Pulizija hadulu kampjun tan-nifs u fil-fatt gie stabilit li kellu 135 mg. fin-nifs tal-livell tal-alkohol (Sic!). Fit-tieni lok, dwar l-ewwel akkuza, l-livell tal-alkohol fic-cirkostanzi kien iggustifikat u mhux illecitu. L-appellant gab provi, almenu sal-grad tal-probabbilta', li huwa kien xorob l-alkolohol wara l-incident awtomobilistiku w mhux qabel.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda mil-gdid;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat.**

**Illi l-provi mismugha minn din il-Qorti jistghu jigi riassunti kif gej:-**

PS 768 SILVIO JOSEPH BRINCAT **xehed li fit-30 t' April, 2000, kienet grat kollizzjoni qrib l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun u wahda mil-vetturi nvoluti kienet**

**misjuqa mill-appellant. Dan kien deher mhux normali, jibki w kien fil-car u ma felahx izomm fuq saqajh. Kellu riha ta' xorb, ilaqlaq u ma jitkellimx normali. Hu sejjah lil Pulizija tal-Mobile, PC 112 u PC 1074 u dawn gew fuq il-post u wara li qrawlu l-caution, hadulu kampjun tan-nifs. Meta l-appellant nefah, ir-rizultat kien ta' 137 mg. Hu izda ma riedx imur id-Depot ghat-tieni test. Kien qal li kien xorob ghax kellu xi argument mall-gharusa tieghu.**

**In kontroezami, ix-xhud qal li kien id-driver l-iehor involut fl-incident li kien mar jirraporta w mhux l-appellant u kien dan id-driver l-iehor li kien qallu li l-appellant ma kienx jidher normali. Hu kien sema' habta mill-ghassa u kien hareg fil-pront. L-appellant lanqas kien jiflah jimxi.**

ANNUNZIATO BONELLO BIANCO **xehed li wara l-habta l-appellant kien hareg mill-car u telaq jigri lejn l-ghassa. Mhux hu kien mar jirraporta l-incident ghaliex hu kien dahal fil-car tal-appellant u ma kellux interess li jmur l-ghassa. Umbaghad l-appellant sparixxa ghall-hafna hin.**

**Hawn sar konfront bejn dax-xhud u PS Brincat u fil-waqt li Bianco baqa' jghid li kien l-appellant li mar jirraporta l-incident l-ghassa, s-Surgent sostna li kien Bianco stess li kien mar jirraporta.**

PC 112 OLIVER ABELA **xehed li fid-data in kwistjoni ghall-xil-4 pm. kien patrol ma tal-Mobile Squad u sejjhulhom biex jaghmlu *breathalyser test* . Kienu ghamlu *test* fuq iz-zewg *drivers* involuti fl-incident u filwaqt li tal-appellant il-livell tal-alkohol irrizulta li kien 137 mg., fil-kaz ta' Bianco r-rizultat kien xejn. L-appellant ma riedx imur l-ghassa. L-appellant jirringrazzja l-Alla li kien baqa' bil-wieqfa.**

L-APPELLANT**, minn jeddu, xehed li kien ghaddej u habat. Kellu *puncture* u mar icempel mill-Club lil Louis Celeste biex igiblu *tyre* iehor. Ha zewg birer. Hu kien ghadu gol-kazin meta Bianco habat mieghu. Hu**

**mar l-ghassa b' pass mghaggel. Hu ma kienx hdejn il-car imma ra l-habta mill-kazin. Allura mar fejn il-car tieghu, ra xi gralha w mar l-ghassa. Ma jiftakarx kemm xorob. Nesa' li kien qal li kien xorob sitta birra.**

Hawn sar konfront bejn l-appellant u Bianco u dan tal-ahhar qal li meta hu laqat il-karozza tal-appellant, l-appellant kien fuq l-*steering* bil-qeghda , Il-car tal-appellant kien wieqaf u , kif ser jaqbzu, mexa' w dahal fuqu . L-appellant kien qed isuq u ma kienx il boghod mill-car. L-appellant, wara l-habta hareg mill-car tieghu w mhux mill-kazin. Kien daqxejn bil-bieba miftuha.

CONNIE BONELLO BIANCO **xehdet li ma tafx issuq. Kien hemm car ipparkjatha hazin b' ragel go fiha. Dan kellu rasu baxxa fuq l-*steering* u, kif rahom , qiesu nhasad u baqa' diehel fuqhom. Ghandu jkun il-bieba kienet miftuha. Kien l-appellant li mar ghall-Pulizija jigri w dawn damu kwarta biex gew. F' dik il-kwarta dak ir-ragel tal-car l-ohra ma kienx gie lura fuq il-post.**

LOUIS CELESTE, **msejjah mill-appellant, xehed li hu habib tal-appellant. Hu kien ghand ohtu. Cempillu l-appellant u qallu biex johodlu *tyre* u nizel mill-Hamrun ghal hdejn l-ghassa bi s*tepney*. Hu ltaqa' mall-appellant li kellu *puncture* gol-kazin tal-hamiem minn fejn kien cempillu l-appellant. L-appellant kien lahaq ha flixkun u nofs birra. Hu kien dam xi ghoxrin minuta biex mar hdejn l-appellant wara li dan kien cempillu. Il-car kien wieqaf xi 50 metru boghod mill-kazin. In kontroezami, ix-xhud qal li ma jafx x' hin kien cempillu l-appellant u cioe' hux filghgodu jew bil-lejl !**

**Ikkonsidrat;**

**Illi apparti l-konfuzzjoni shiha fil-provi dwar kif gara l-incident, fejn kien l-appellant waqt il-habta, hux fil-car tieghu jew fil-kazin, min mar jirraporta l-ghassa w dettalji ohra, hu fatt li meta, wara li PS Brincat osserva li l-appellant deher xurban u sejjah lil Pulizija tal-Mobile Squad u dawn ghamlu il-*breathalyser test* fuq l-appellant, dan ta rizultat ta' 137 mg per 100 ml. Illi**

**ghalhekk hu ovvju li t-tieni akkuza ma tirrizultax ghaliex hu effettivament kien ta kampjun tan-nifs lill-Pulizija fuq il-post, kif del resto jipprovdi l-artikolu 15E (3) (a) u, ladarba il-kampjun tan-nifs kien hekk inghata, ma kienx hemm ghalfejn jerga' jinghata fl-ghassa. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju tal-appellant jidher gustifikat.**

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni, mill-provi konfuzjonarji ghall-ahhar li ngiebu miz-zewg nahat quddiemha, w li x' aktarx mhumiex l-istess li ngabu quddiem l-Ewwel Qorti, jidher li hemm dubju serju jekk l-istat ta' influwenza tal-alkohol li kkonstataw fl-appellant l-ufficjali tal-pulizija, kienx dovut ghall-xorb li sar precedentement ghall-incident jew addirittura wara l-incident. Ghaliex, jekk hu minnu li l-appellant, wara l–incident, kien mar fil-kazin tal-hamiem u sakemm siehbu gablu trye iehor, rega' xorob il-birra, jista' jaghti l-kaz, almenu sal-grad tal-probabbli, li meta hu kien qed isuq, ma kienx ghadu fi stat qawwi ta' inebriezza kif instab wara.

**Fil-kamp kriminali kull dubju dettat mir-raguni jrid imur favur l-akkuzat u f' dan il-kaz il-provi tant huma kontradittorji w bla sens, li din il-Qorti ma tistax issib tarf taghhom biex tigbed konkluzzjoni avversa ghall-din it-tezi tal-appellant minghajr ma jibqala' dak il-*lurking doubt* li wara kollox l-appellant jista' ghandu ragun li hu xorob u spicca hekk imlahlah wara l-incident u cioe'** wara **li kien saq u mhux waqt is-sewqan.**

**Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi nkonkluzzivi, jidher li l-t-tieni aggravju tal-appellant huwa wkoll gustifikat u qed jigi akkolt.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------